ma' l-ikħal safi ċar ta' l-ajru fietel;
mar-riezha tas-smewwiet fil-bogħod u x-xefaq;
mal-mera ta' l-ilmiet jibbru u jleqqu.
Għannew l-għasafar;
tar il-gawwi;
warrad il-fjur ma' kullimkien imxeblek;
tgħabbew is-siġar twal bil-weraq tqil.
Imbagħad mal-plajja
tnejn tnejn għaddew iż-żgħażagħ
sbieħ, f'saħħithom —
minsija d-dinja u t-tweghir; l-uġigħ
tal-bieraħ; l-uġigħ ikbar ta' għada;
tanbir it-tanbur tal-moħħ dejjem iberren —
tnejn tnejn għaddew:
fis-skiet u l-ħemda
ta' min intebaħ li l-kliem xkiel u rażan,
l-eternità mitlufa
ta' waqt għaddieni......
Imxejt u mxejt
f'dil-ġenna fl-art;
waħdi
minn fuq ix-xtut tax-xmara sbejħa għaddejt.

## HOLMA

*(Mit-Taljan ta' Annibale Tona)*

*Ta'* PETER A. CARUANA

Jien ħlomt li fis-sema qed nara
żewġ kwiekeb iteptpu ħemdin
li f'ħajti jien qatt ma rajt isbaħ.
Żewġ kwiekeb ta' l-Anġli henjin.

Ma' ġenbi jien rajthom jitbissmu
u jħarsu jwensuni fis-skiet;
jimlewni bil-hena, bil-faraġ;
tas-sema jdewquni l-ħlewwiet.

Iżd' hekk kif stenbaħt minn dil-ħolma
bqajt nilmaħ dal-kwiekeb hekk sbieħ.
Żewġ kwiekeb li jgħaddu l-pjaneti:
Żewġ kwiekeb ta' ħajti l-mistrieħ.

Għax 'l ommi lmaħt jien fejn is-sodda
x'ħin sewwa minn nagħsi jien qomt.
Għajnejha żewġ ġmamar ta' mħabba:
Għajnejha l-kwiekeb li ħlomt.



# "MA JIGIX IZJED"

*Ta'* A. TABONE

"MA JIĠIX IŻJED". Din mhix il-karba li, fiż-żmien tal-gwerra smajnieha kemm-il darba ħierġa mill-qalb muġugħa ta' l-omm meta waslitilha l-aħbar ħażina li binha l-għażiż sab qabru f'baħar għoli fil-waqt li kien ibaħħar biex jiġġieled ma' l-għadu; lanqas mhi l-għajta ta' dik il-mara li saret taf li miet żewġha l-maħbub, li kien il s-snin twal mifrud minnha u minn uliedu, biex f'art barranija u bl-għaraq ta' ġbinu, jaqla' l-għajxien tal-familja tiegħu. Le, din il-għajta "Ma jiġix iżjed" ma ħarġitx mix-xofftejn ta' wieħed jew ta' waħda milquta għall-għarrieda minn ġrajja ta' qsim il-qalb u tal-biki, iżda bil-maqlub, għax, ftit taż-żmien ilu, smajnieha ħierġa minn qlub imfawrin bil-ferħ, għalkemm bħalma jiġri sikwit, il-ferħ ikun mħallat b'xi ftit tan-niket.

"Ma jiġix iżjed" għajtu għalenija n-nies twajba ta' Sotto il Monte meta waslitilhom l-aħbar sabiħa li wieħed mill-pajżani tagħhom laħaq Papa bl-isem ġdid ta' Ġovanni. Min qatt kellu jgħidilha lil Marjanna Roncalli, lil dik il-mara raħlija—għalkemm twajba u tabilħaqq nisranija—min kellu jgħidilha, sebgħa u sebgħin sena ilu, meta ġiebet fid-dinja lil binha ċkejken Anġlu, li dana l-anġlu ċkejken kellu, maż-żmien, irabbi l-ġwienaħ u jittajjar 'il fuq 'il fuq sa ma jasal fl-ogħla quċċata ta' l-aqwa setgħa li tista' tingħata fid-dinja?! Min kellu jgħidlu lil Patist Roncalli li dak it-tfajjel, li f'idejh kien jerħilu l-merħla ċkejkna tiegħu, kellu jkun, mal-mixja taż-żmien, ir-Ragħaj ta' l-ikbar merħla li Sidha huwa Kristu nnifsu?! Min kellu jgħidilhom lil Fredu, lil Ġwanni u lil ħutu l-oħra meta huma kienu jħarsu bl-ikraħ lejn Anġlu u b'geddumhom sa l-art meta kienu jarawh bil-kotba f'idejh, jistudja taħt xi siġra, u forsi wkoll kienu jgħajtu miegħu u jċanfruh għax, mingħalihom, dak ħuhom kien jitlef iż-żmien fuq il-karti?! Imma l-ħsibijiet t'Alla huma għolja wisq biex moħħ il-bniedem jasal jifhimhom!

Iż-żmien beda għaddej ġmielu u, b'xorti tajba, Anġlu, ta' disa' snin, beda jmur l-iskola fil-kulleġġ ta' Calona, raħal ieħor ftit bogħod minn Sotto il Monte. Minn hawn, imbagħad, Anġlu għadda għas-seminarju tal-belt ta' Bergamo. Minn Bergamo għadda Ruma u, fl-10 ta' Awissu tas-sena 1904, ħa l-Quddiesa. Fl-ewwel gwerra l-kbira nsibuh Kappillan mas-suldati Taljani. Wara l-gwerra reġa' mar f'Bergamo, imma m'għaddiex żmien